# Il-Qari tal-Ħin fl-Imgħoddi

**Mis-Sur Lino Wettinger**



Fl-antik ma kienx hawn arloġġi u l-ħin jitkejjel permezz ta' arloġġi tax-xemx li kienu jinsabu fid-djar, mal-ħitan tal-knejjes u anki f'xi rziezet fil-kampanja. Dawn il-kwalita' ta' arloġġi kienu jikkonsistu fi kwadri miżbugħin biż-żebgħa mal-ħitan u fuqhom kien ikun hemm numri jew linji, u f'nofs dan il-kwadru kien ikun hemm virga ftit mgħawġa, li bid-dell tagħha kienet taqa' fuq in-numru li jimmarka l-ħin permezz tax-xemx li kienet taqa' fuq il-virga ta' dawn l-arloġġi, dejjem skont il-pożizzjoni tax-xemx.

Xi wħud minn dawn l-arloġġi kienu jaħdmu biss sa nofsinhar peress li x-xemx tkun resqet f'pożizzjoni fejn l-arloġġ ma jintlaħaqx għax ikun fid-dell. Dawn il-kwalità ta' arloġġi kienu jissejħu meridjonali.

Dawn l-arloġġi kienu jkunu ftit jew wisq eżatti għall-ħin u n-nies kienu jiġu moqdija tajjeb. Fir-raħal għandna wieħed minn dawn l-arloġġi mal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali, li kien ġie rrestawrat ftit tas-snin ilu. Fil-gżejjer tagħna kien hawn diversi kwalitajiet ta' dawn l-arloġġi: uħud sempliċi u oħrajn aktar dettaljati, bħalma nsibu fil-Belt Valletta mal-faċċata tal-Każin Malti.

Metodu ieħor ta' kif kien jitkejjel il-ħin kien bl-użu tal-ampulletta jew magħruf aħjar bħala l-arloġġ tar-ramel. Dan kien ikun magħmul minn żewġ forom ta' lembutijiet, wieħed wiċċu 'l fuq u l-ieħor wiċċu 'l isfel, b'wieħed minn dawn il-lembutijiet kien ikun mimli bir-ramel irqiq u meta jkun wiċċu 'l fuq kien iferra' r-ramel f'dak ta' taħtu permezz ta' toqba rqiqa bejniethom biex b'hekk, ir-ramel jinżel bil-mod ġo dak ta' taħt. Meta r-ramel kien jinżel kollu jfisser li jkun għadda l-ħin, jew ta' kwarta jew ta' nofs siegħa. Hekk min ikun qiegħed jippriedka kien ikun jista' jara kemm għadda ħin.

Dawn il-kwalità ta' ampulletti kienu jintużaw fil-knejjes waqt il-priedka mis-saċerdoti. Biex l-ampulletta kienet tkun tista' tintuża, kienet sempliċement tinqaleb wiċċha 'l fuq biex jerġa jittella r-ramel sabiex jerġa jibda nieżel. Din il-proċedura kienet issir kull darba li kien jispiċċa r-ramel.

Fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal għandna waħda minn dawn l-ampulletti, li ġġib id-data 1806 u fuqa hemm simboli mnaqqxin tal-Passjoni. Din il-kwalità t'ampulletta kienet tintuża waqt il-Priedka tat-Tliet Siegħat, li kienet issir fil-Ġimgħa l-Kbira, mill-predikatur biex bejn parti u oħra tal-priedka kienu jitkantaw ir-Responsorji mill-kor.

L-ampulletta kienet tiġi użata wkoll waqt diversi priedki kif ukoll waqt xi spjega tal-Katekiżmu nhar ta' Ħadd, mill-Kappillan. Din il-kwalità ta' ampulletta kienet tkun bil-ġwienaħ fuq il-lapidi tal-oqbra fl-antik biex turi li l-ħin itir.

